**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 1039/2020 AF**

Wara l-Mandat ta' Sekwestru 1467/2020 fl-ismijiet:

**Salvatur Manti (detentur ta' passaport Taljan YB7254778) bhala prokuratur ta' Mauro Gennaro (detentur tal-passaport Taljan YA5432138) u Daniela Giovanna Manti (detentrici tal-passaport Taljan AX0863684)**

**vs**

**Andrew Corrieri**

Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru: 957/2020 AF fl-ismijiet:

**Salvatore Manti (detentur ta' passaport Taljan YB7254778) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mauro Gennaro (detentur tal-passaport Taljan YA5432138) u Daniela Giovanna Manti (detentrici tal-passaport Taljan AX0863684)**

**vs**

**Andrew Corrieri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Andrew Corrieri li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet sabiex bl-applikazzjoni tal-Artikolu 836 subinciz (1) (b) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 1467/2020 fuq imsemmi filwaqt li fic-cirkostanzi tapplika wkoll fil-konfront tal-intimati l-provvedimenti tal-Artikolu 836 (8) u (9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta' Salvatore Manti nomine u Daniela Giovanna Manti.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri Andrew Corrieri qieghed jitlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu sabiex tigi kawtelata pretensjoni li Salvatore Manti u Daniela Manti ghandhom fil-konfront tieghu ghall-hlas ta' €50,000 li jsostnu li huma dovuti lilhom skond klawsola f'konvenju datat 9 ta' Lulju 2019.

Doveruz jigi enfasizzat illi fi proceduri ta' din ix-xorta il-Qorti tqis dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi l-iskrutinju tal-vertenza ezistenti bejn il-partijiet tibqa' rizervata ghall-Qorti fil-kawza fil-mertu.

Fid-decizjoni tal-Prim'Awla datata 29 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Josephine Sammut vs Emmanuel Sammut et gie affermat li:

> *"… dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-*

*procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza."*

Dan premess il-Qorti zzomm ukoll quddiem ghajnejha il-principji stabbiliti mill-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi l-Qorti ma tistax facilment tiskarta l-jedd ta' kreditur li jqieghed fis-sod il-pretensjoni tieghu b'kull mezz li tipprovdilu l-ligi kif ukoll illi kull mandat jintalab u jinhareg b'responsabilità tal-istess pretiz kreditur li jkun talbu.

Ir-rikorrenti odjern isejjes it-talba tieghu fuq il-provvedimenti tal-Art. 836 (1) (b) (d) u (f) li jipprovdu ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju f'kaz illi:

*"li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*…*

*… jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*…*

*… jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Dwar it-talba tar-rikorrenti skond is-subinciz (b) din il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fi-kuntest. Huwa ritenut illi sabiex talba bhal din tirnexxi jinhtieg li jintwera li minn meta nhareg il-mandat hemm inbidlet xi cirkostanza, haga din illi fil-kaz odjern ma tirrizultax.

Dwar it-talba tar-rikorrenti skond is-subincizi (d) u (f) li din il-Qorti qeghda tqis flimkien, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-gustifikazzjoni jew le tal-pretensjoni tiddependi essenzjalment mill-validità u interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-klawsola partikolari tal-konvenju ffirmat liema konvenju jidher illi skada. Il-konsiderazzjonijiet legali u

fattwali li tehtieg din id-determinazzjoni jmorru oltre minn dak li ghandha tkun msejjha taghmel il-Qorti f’dawn il-proceduri. F’dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, it-talba ta’ Andrew Corrieri f’dan l-istadju ma tistax tirnexxi.

Finalment Andrew Corrieri talab lil din il-Qorti tapplika l-Art. 836 (8) u (9).  Il-Qorti ma ssibx li, f’dan l-istadju, tissussisti ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fis-subinciz (8) tal-Art. 836 li jwassluha timponi penali.  Tqis ukoll illi talba ghad-danni mhijiex f’posta f’din il-procedura, tali talba ghandha, jekk ikun il-kaz, issir fi proceduri appoziti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta’ Andrew Corrieri.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF